MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 478/1994/1

**Charles Fenech, Michael Briscoe, Godwin Cachia, Joseph Grech, Joe Mallia Milanes, Keith Poulton, Cecil M. Blake, Victor Gauci, Ralph Spiteri, Joe Agius, Frank Farrugia, Vincent Carabott, John Schembri, Horace Cachia, Charles Houlton, Alfred Tabone, Denis Attard u Anthony Cardona**

**Vs**

**Onorevoli Prim' Ministru u id-Direttur tal-Avjazzjoni Civili**

Il-Qorti,

Rat ir-rikorsipprezentat fis-6 ta' Ottubru, 1994, li in forza tieghu, wara li r-rikorrenti ppremettew illi:

L-esponenti kienu impjegati tal-International Aeradio Ltd bhala *technicians* u *assistant technicians* sal-1971. Bejn il-1973 ghalkemm l-esponenti kienu jithallsu tas-servizz li jaghtu mill-Gvern, il-Gvern kien jippretendi li ma kienux impjegati mieghu. Din is-sitwazzjoni anomala giet terminata f'Marzu 1979 meta l-impieg taghhom sar definitivament mal-Gvern bhala *Navaids fitters* u *technicians* impjegati mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Illi f'din l-okkazzjoni l-esponenti nghataw salarju u beneficcji nqas minn dawk li gew moghtija lill-impjegati li dahlu fl-istess zmien u kienu jaghmlu l-istess xoghol;

L-esponenti kienu hassew ruhhom mcekkna u diskriminati bit-trattament li rcevew minn idejn l-Awtoritajiet u ghalhekk ressqu l-ilment taghhom quddiem il-Kummissjoni tal-Ingustizzji izda inutilment. Il-Kummissjoni b'ittra tal-20 ta' Jannar, 1992 hawn ezibita, nfurmawhom li l-ilment taghhom ma giex milqugh (kopja ta' din l-ittra hi hawn ezebita u mmarkata Dokument A). Illi l-esponenti ppruvaw jiehdu sodisfazzjon dwar din id-decizjoni u jottjenu revizzjoni taghha izda inutilment u ghalhekk ma kellhomx triq ohra hlief jaghmlu dan ir-rikors;

It-trattament li rcevew ir-rikorrenti u d-diskriminazzjoni li giet perpetrata fil-konfront taghhom esponiethom ghal trattament degredanti billi mhux biss iggenerat fihom sens ta' inferjorita' fil-konfront ta' impjegati ohra li kienu qieghdin jaghmlu l-istess xoghol imma huma hassewhom bhala risultat ta' dan mcekkna. Illi tali trattament degredanti jammonta ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom taht l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddecidi li l-esponenti soffrew trattament degredanti minhabba l-fatti fuq esposti bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna li jinghataw dawk ir-rimedji kollha li dina l-Qorti jidrilha xierqa jew opportuni, inkluz il-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom sofferti bhala konsegwenza ta' dan it-trattament.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha esponu illi;

1. Assolutament mhux minnu li fl-okkazzjoni in kwistjoni dahlu xi impjegati jaghmlu l-istess xoghol bhar-rikorrenti u li nghatalhom xi salarju u beneficcji iktar mir-rikorrenti.

2. Dawk l-impjegati li ghandhom salarju u beneficcji iktar mir-rikorrenti, ghalkemm forsi apparentement qed jaghmlu xoghol simili ghal dak tar-rikorrenti, effettivament ghandhom dmirijiet li jiddifferenzjawhom minn dak tar-rikorrenti; ghalhekk id-differenza fil-kondizzjonijiet tal-impieg rispettiv; ghalhekk ic-cahda tal-Kummissjoni tal-Ingustizzji fejn irrespingiet l-ilment tar-rikorrenti bhala nfondat fil-fatt.

3. B’ebda mod ir-rikorrenti m’ghandhom ghalfejn ihossuhom inferjuri jew imcekkna fil-konfront ta’ shabhom l-ohra. Anzi, ir-rikorrenti igawdu l-ikbar stima u rispett mill-esponenti ghal dak l-impieg li jizvolgu. Ghalhekk, oggettivament ir-rikorrenti ma jistghux jitqiesu li soffrew xi trattament degradanti meta wiehed jikkonsidra l-elementi bazici rikjesti kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea biex wiehed jista jsostni allegazzjoni ta’ trattament degradanti. Il-fatti *specie* fil-kaz odjern jimmilita kontra tali allegazzjoni, wisq iktar kontra xi prova taghha.

Salvi risposti ulterjuri.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-4 ta’ Novembru, 1994, li in forza tieghu inhatret l-Assistant Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tiehu x-xhieda u tircievi dokumenti prodotti mill-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Ottubru, 1997, li in forza tieghu ordnat li jigu allegati l-atti tar-rapport maghmul mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji datat 27 ta’ Mejju, 1991, u li jigu ezebiti wkoll il-provi kollha li ngabru quddiem l-istess Kummissjoni;

Rat l-atti tal-process *in* konnessjoni mar-rapport tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji (Rapport numru K74) li gew ezebiti ma’ l-atti ta’ din il-kawza;

Rat l-imsemmija Assistent Gudizzjarju inkonkludiet l-inkarigu lilha moghti u kkonsenjat il-process lil din il-Qorti waqt l-udjenza tat-12 ta’ Marzu, 2004;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fit-3 ta’ Awissu, 1972, id-Direttur tal-Avjazzjoni Civili informa lill-kumpanija *International Aeradio Ltd* (IAL) li l-ftehim li dan id-Dipartiment kellu ma’ din il-kumpanija ghat-tmexxija tal-*Flight Information Centre*, u li kien wasal biex jaghlaq, ma kienx se jigi mgedded.

Qabel ma harget din in-notifika l-ufficcju tal-Prim Ministru kien inizja azzjoni sabiex dan ic-Centru jigi amministrat mid-*Director of Civil Aviation* u fl-ittra tal-11 ta’ April, 1972 l-*Administrative Secretary* kien ta’ informazzjoni fuq l-arrangamenti li kienu mehtiega *“for the maintenance and control of the Malta Flight Information Region”* u kellhom jittiehdu l-provvedimenti finanzjarji biex dan isehh. Wiehed minn dawn il-provvedimenti kien li:

*“1) the net cost of the Flight Information Centre, that is to say ‘the sum by which the expenditure incurred in providing the service exceeds the revenue received in respect of that service, will be paid by the Government of the United Kingdom”*.

Il-fatti rilevanti ghall-kaz ta’ l-ilmenti imressqa quddiem din il-Qorti jikkoncernaw principalment dwar l-impieg u l-kundizzjonijiet tan-nies li kienu qed jaghtu servizz lill-

*International Aeradio Ltd*. Negozjati bejn il-Gvern u r-rapprezentanti ta' dawn l-impjegati bdew f'Settembru 1972 dwar il-futur ta' dawn l-impjegati. B'rizultat ta' diversi laqghat bejn il-Gvern, u n-N.A.C.S.S., bhala s-sezzjoni koncernata tal-G.W.U., f'dan il-perjodu dawn l-impjegati gew offruti li jigu assorbiti fl-istruttura tal-Gvern b'salarji li kienu meqjusa mill-Gvern bhala komparabbli ma gradi fis-Servizz Civili. Dawn l-iskali tas-salarji kienu ferm inqas minn dawk li kienu qed jircievu mill-kumpanija *International Aeradio Ltd.* Eventwalment il-Gvern ippropona tlett proposti lir-rapprezentanti ta' dawn l-impjegati moghtija fl-ittra ta' l-*Administrative Secretary* tal-14.4.1973 (OPM4/73):

*"1. The employees to carry on under the same terms and conditions enjoyed hitherto, with any Government cost-of-living improvements for so long as use continues to be made of facilities in Malta by the British authorities, after which the Government of Malta would have no responsibility for the employees. The Staff Savings Scheme would be re-introduced.*

*2. The employees to become Government employees on the pensionable establishment (where applicable) at pay levels and under conditions of Service applicable to comparable posts in the Government service. They would be freely transferable to other Departments and would be trained to perform other jobs in anticipation of the discontinuation of the Malta FIR.*

*3. The employees to set up and run a commercial company with the scope of providing the same services which the IAL was providing to Government".*

Dawn il-kundizzjonijiet gew imressqa quddiem l-impjegati f'seduta li saret fil-*Workers Memorial Building* fl-14 ta' April, 1973 fejn ittiehdet din id-decizjoni hawn taht imsemmija li giet ikkomunikata lill-Gvern minn N.A.C.S.S. b'ittra tad-9 ta' Mejju, 1973. Ir-rizultat tal-votazzjoni kien dan li gej:

Numru tal-voti: 138

Voti mitfugha: 137
Favur proposta
Numru wiehed: 135
Voti invalidi: 2

Ir-rizultat ta' dan il-ftehim, l-impjegati baqghu jaghtu l-istess servizz li kienu jaghtu lill-Kumpanija, u min naha tieghu, il-Gvern approva l-ghotja ta' *cost of living bonus* u anke zidiet fil-*vacation leave* li gew approvati fil-kaz ta' l-impjegati tal-Gvern, ghalkemm f'minuta fil-*file* OPM/E/4/73 li ggib id-data tas-26 ta' Lulju, 1977 hemm irrekordjat lill:

*"Although ATCC personnel are under the administrative control of the Director of Civil Aviation, they are not government employees"*.

Din tikkonferma li dawn l-impjegati baqghu dejjem, izommu l-impieg taghhom skond l-ewwel kondizzjoni maghzula u approvata minnhom fil-*meeting* ta' Mejju, 1973.

Matul dan iz-zmien l-ex impjegati tal-I.A.L. baqghu jgawdu s-salarji li kienu jgawdu qabel, izda kif spjegat ahjar hawn taht l-*Staff Savings Scheme* ma baqghetx tigi mhaddma ghal xi snin.

Saru rapprezentazzjonijiet lill-I.A.L. sabiex jigu moghtija Terminal Benefits lill-impjegati taghha minhabba l-fatt li din ma kienetx aktar responsabbli ghall-impieg taghhom wara it-8 ta' Frar, 1973. Il-kumpanija ma accettatx li kellha responsabbilta' ghal dan il-hlas ghar-raguni moghtija fl-ittra tal-*Personnel Director* tal-I.A.L. tad-19 ta' Ottubru, 1979:

*"Throughout the period that IAL was under contract to the Maltese Government. We offered extremely good salaries and conditions of employment to our staff. Your own length of service with us demonstrates that our mutual relationship was happy and fruitful, if viewed only in terms of the length of service you worked with us.*

*When our contract was terminated, the Maltese Government offered continued employment to all our staff, to the best of our knowledge in similar positions to those which they had previously held with IAL. In those circumstances, there was plainly no question of there being any termination payments, since there was no termination of employment, except on a voluntary basis".*

Meta beda jersaq iz-zmien ghat-tmiem tad-*Defence Agreement, l-Administrative Secretary* beda jiehu passi biex jigi stabbilit in-numru ta' nies mehtiega fid-diversi branek ta' l-*airport* halli jigu direttament impjegati mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili.

Ghall-mili ta' dawn il-postijiet l-Ufficcju tal-Prim Ministru kien informa lid-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili bil-punti li jidhru hawn taht:

*"a. Eligibility – Restricted to uniformed and civilian personnel already performing duties at Luqa Airport, and to persons who have performed such airfield duties for a period of eighteen months during the last five years. In the selection of candidates preference will be given to members of the MPC and the DIM"*.

Fl-avvizi ghall-applikazzjonijiet li gew pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, preferenza giet moghtija lin-nies li kienu diga' qed jaghtu servizz fl-ajruport kif jidher hawn fuq.

L-applikazzjonijiet ghad-diversi gradi gew ikkontrollati mill-*Public Service Commission* li approvat it-twaqqif ta' diversi Bordijiet ta' l-Ghazla biex jezaminaw l-applikazzjonijiet.

Minhabba l-fatt li l-applikazzjonijiet gew pubblikati kollha bejn Ottubru, 1987 u Awissu 1979, in-nomini, ghalkemm kienu fuq bazi *"whole time"*, ma kinux igawdu *"pensionable status"* minhabba li dan ma kienx ghadu japplika, ghall-impjegati li kienu gew impjegati mal-Gvern wara l-15 ta' Jannar, 1979, skond il-paragrafu 6.3.1.2. ta' l-*Estacode* li jghid:

*"The provision of the Pensions Ordinance and the Pension Regulations annexed thereto apply to all officers appointed to the public service of Malta prior to the 15th January 1979 and no pension, gratuity or other allowance is payable under the Ordinance nor is any other payment to be made thereunder, to any person who was not an officer before the date aforesaid, or to the widow, child or other relative of any-such person".*

Il-kategorija ta' l-impjegati li waqghu taht id-diversi sejhiet ghall-applikazzjonijiet gew primarjament assorbiti bhala impjegati awziljari u, sussegwentement, fil-maggoranza taghhom inghataw hatriet permenenti fis-servizz civili.

Il-*call for applications* kienet ukoll tistipula illi l-impjegati l-godda kienu kondizzjonati ghal *shift* ibbazat fuq gimgha ta' sebat ijiem; kif jidher hawn taht u li huma ma jkunux intitolati ghal *transfers* f'dipartimenti ohra.

*"The appointments are on a whole time basis and private work shall not be allowed. The appointments are generally subject to any rules and regulations from time to time governing the Malta Civil Service and the Department of Civil Aviation, and especially to the following conditions:-*

a) *the selected candidates shall not be entitled to transfer to other Departments.*

*b) working hours shall be uniform throughout the whole year.*

*c) in particular the grades in the schedule below which are designated "Airport/Airfield" grades shall be required to do duty on a shift basis over a seven-day week as necessary, and*

*d) overtime work as and when necessary shall be obligatory."*

Wara li fl-1987 kien hemm bidla fl-amministrazzjoni tal-Gvern, hafna mill-ex-impjegati tal-IAL ressqu diversi

ilmenti quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja li kienet giet mwaqqfa mill-amministrazzjoni l-gdida. Dawn l-ilmenti kienu diversi u kienu jikkoncernaw:

(i) it-telf ta' *"Terminal Benefits",*

(ii) il-fatt li s-servizz li taw lid-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili bejn l-1973 u l-1979 ma giex meqjuz bhala impieg mal-Gvern, u allura tilfu d-dritt ghal *gratuity* u pensjoni tat-Tezor,

(iii) li wara t-*take-over* mill-Gvern fl-1979, tilfu l-parita' fis-salarji li kellhom ma' gruppi ohra fis-settur privat,

(iv) li sofrew telf finanzjarju meta giet sospiza s-*Savings Scheme* bejn l-1973 u l-1979,

(v) li sehh diskriminazzjoni fl-*interviews* li saru fl-1979 ghal diversi *sections*, bil-konsegwenza ta' telf ta' *seniority* fil-konfront ta' shabhom u ta' paga, u

(vi) li wara li dahlu mal-Gvern fl-1979, uhud ghamlu xoghol *above their grade* minghajr kumpens finanzjarju.

Il-Kummissjoni fir-rapport taghha ppubblikat fis-27 ta' Mejju, 1991, kienet qieset bhala mhux gustifikati l-ewwel tlett ilmenti, laqghet ir-raba' ilment, u fil-kuntest tal-hames u s-sitt ilment, qiesitu bhala gustifikat fil-konfront ta' uhud mill-applikanti u mhux gustifikat fil-konfront ta' ohrajn. Ir-rakkomodazzjonijiet gew accettati mill-Prim Ministru.

Il-meritu ta' dan il-kaz jinteressa aktar l-ilmenti numri (ii) u (iii), ghax fil-waqt li r-rikorrenti qed jiddikjaraw li ma jaqblux mar-rakkomondazzjoni li tat il-Kummissjoni li huma m'ghandhomx jitqiesu bhala impjegati mal-Gvern bejn l-1973 u l-1979, ghar-rigward tar-rakkomondazzjoni maghmula fuq l-ilment numru (iii), jallegaw li dan l-ilment gie impustat hazin mill-Kummissjoni, ghax l-ilment taghhom ma kienx bazat fuq parita' fis-salarji li kellhom ma' haddiema ohra fis-settur privat, izda fuq il-fatt li meta huma gew ngaggati mal-Gvern fl-1979, fl-istess zmien gew hekk ingaggati ex-impjegati tar-*Royal Air Force*

*(RAF)* hawn Malta, izda dawn inghataw kundizzjonijiet ahjar. F'ittra li r-rikorrent Charles Fenech kien baghat lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, wara li din kienet ippubblikat ir-rapport taghha, u li hi datata 6 ta' Frar, 1992, hu esprima dan l-ilment b'dan il-mod:

*"In my view it is a gross discrimination, when individuals employed by government, at the same time and date, and having the same responsibilities, are put on the same identical grade, do the same type of work, and yet paid differently – with a difference amounting to (4) four increments. I think that where is a misunderstanding as regards paragraph C.*

*We never expected to be compared, as regards conditions of work with other employees in the private sector. Our grievance is very simple; The same employer, treating the same grade of employees differently. We explained all stated above to the Commission, which is totally different to what you stated in paragraph C".*

Ghal din l-ittra, is-Segretarju tal-Kummissjoni kien irrisponda li, ghall-Kummissjoni, il-Kaz inghalaq mal-pubblikazzjoni tar-rapport tieghu.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza qed jilmentaw li meta huma gew ingaggati mill-Gvern fl-1979, huma kienu sofrew trattament degredanti bi ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din l-allegazzjoni qed tigi bazata fuq il-fatt li l-Gvern ma kkunsidrax li huma kienu gia impjegati mal-Gvern bejn l-1973 u l-1979 u ma kellux jassoggetthom ghall-umiljazzjoni li japplikaw ghal post mal-Gvern fl-1979. *Inoltre*, meta gew zgur ngaggati mal-Gvern fl-1979, fl-istess zmien gew impjegati haddiema ohra li kienu ex-RAF, izda lil dawn inghatawlhom kundizzjonijiet ahjar, fis-sens li huma, bhala impjegati ex-IAL, baqghu fl-istess *grade*, u l-haddiema ex-RAF inghataw *full pay* tal-*grade*, b'mod li r-rikorrenti riedu erba' snin biex lahqu parita' mal-haddiema ex-RAF; huma jallegaw li din id-diskriminazzjoni twassal ghal trattament degredenti.

Din il-Qorti thoss li, f'dan l-istadju, ghandha l-ewwel taghdi biex tikkunsidra l-argument tar-rikorrenti illi bejn l-1973 u l-1979 huma kellhom jitqiesu bhala gia haddiema tal-Gvern. Kif inghad, dan l-ilment kien gie sottomess precedentement lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja, u din il-Kummissjoni, komposta minn Dr. Joseph Said Pullicino (li eventwalment inhatar President ta' dawn il-Qrati), bhala *Chairman*, u mis-Sur Carmel Balucci, u l-Prokuratur Legali Paul Saliba, bhala membri, kienet qieset dan l-ilment bhala mhux gustifikat.  Dik il-Kummissjoni, sostniet il-pozizzjoni li hadet wara li qieset is-segwenti:

*"Fl-ilment taghhom, l-applikanti jirritjenu li huma f'dan il-perjodu kellhom jigu meqjuza bhala impjegati tal-Gvern. Fl-applikazzjoni kollettiva taghhom huma qed jghidu hekk:*

*All this happened between 1972 and 1979 when we were being officially administered by the D.C.A. who was then considered to be our employer as can be confirmed by the employer's name as it appears on the workbook of those retiring of age during this period of uncertainty.  Yet we were never confirmed as belonging to Government employ thus losing all rights for gratuity when Government legislated against this being given to those Government Service joining after the 31$^{st}$ March 1979.*

*We contend and expect that our date of joining Government Service should be backdated to 1972 on the expiry date of the I.A.L. contract".*

*L-applikanti wkoll jipprezentaw kopji ta' Work Books fosthom wiehed li juri li s-Sur Julian Cefai kien impjegat bhala Communicator fil-5 ta' Marzu, 1948 mad-Dipartiment ta' l-Avvjazzjoni Civili.  Il-Work Books juri wkoll it-timbru ufficcjali tad-Dipartiment.*

*Min-naha l-ohra l-Kummissjoni ma tistax tinjora l-fatt kif diga spjegat aktar 'il fuq illi l-Gvern kien ippropona lir-rapprezentanti ta' l-impjegati tlett "options" li kienu diskussi fis-seduta generali li saret fil-Workers Memorial*

*Building fl-14 ta' April, 1973. B'maggoranza kbira l-impjegati ma kinux accettaw;*

*a) l-impieg mal-Gvern "on the pensionable establishment where applicable" u*

*(b) li jmexxu huma fuq bazi kummercjali s-servizz li qabel kienet tati l-I.A.L.*

*Fil-fatt huma ghazlu t-tielet alternattiva li jibqghu jahdmu taht l-istess kondizzjonijiet li kellhom mal-I.A.L. li maghhom kellhom jiehdu zieda tal-ghoti tal-hajja li l-Gvern jaghti minn zmien ghal zmien u beneficcji ohra "for so long as use continues to be made of facilities in Malta by the British Authorities after which the Government of Malta would have no responsabilities for the employees".*

*Fl-opinjoni tal-Kummissjoni din kienet accettazzjoni min-naha tal-impjegati li jaghtu servizz lill-Gvern ghal zmien determinat minn gebel bl-istess remunerazzjoni li kienu qed jircievu minghand il-Kumpanija. Dan l-arrangament jipprezupponi li l-Gvern kien responsabbli ghal dawn il-haddiema ghal dan il-perjodu, pero', mhux bhala li kienu impjegati mieghu. Dan bi ftehim car li meta jiskadi t-terminu, il-Gvern ma kienx responsabbli ghalihom u konsegwentement ma kellu ebda obbligu li jassumihom fix-xoghol taht xi forma jew ohra. Min-naha l-ohra il-Kummissjoni ma tistax ma tissimpatizzax ma l-ilment ta' l-applikanti li ma kellhomx triq ohra x'jaghzlu li fic-cirkostanzi kienet, fl-opinjoni taghhom, l-ahjar wahda mit-tlett proposti offruti lilhom. Dan meta wiehed jiehu f'konsiderazzjoni illi huma ma kinux f'pozizzjoni illi jiffurmaw kumpanija kummercjali ghall-iskop suggerit kif lanqas ma kien jikkonvenilhom dak iz-zmien li jaccettaw impieg mal-Gvern, b'salarju hafna inqas minn dak li kienu qed jircievu sa dak in-nhar u li fuqu kienu ibbazaw l-standard of living taghhom. Il-Kummissjoni m'ghandha ebda dubju li huma gew milquta avversament b'rizultat tat-terminazzjoni taghhom minn mal-Kumpanija. Mill-banda l-ohra hu car ukoll illi kieku kellha tigi accettata il-kontenzjoni ta' l-applikanti li huma kienu f'dan il-perjodu impjegati mal-Gvern, ma jistghux jiggustifikaw kif baqghu*

*igawdu l-pagi u kundizzjonijiet vantaggjuzi li kellhom mal-I.A.L. Fil-fatt jirrizulta li l-option li offrielhom il-Gvern illi jidhlu jahdmu mieghu, kienet tipprospetta salarji relatati ma' dawk tas-Servizz civili ferm anqas vantaggjuzi milli kienu qed igawdu, u kien ghalhekk li rrifjutaw din l-option. Fir-rigward tas-sottomissjoni illi l-Work Book ghal zmien – anki sa mill-1948 – kien juri lid-Director of Civil Aviation bhala employer, il-Kummissjoni tqis li din ic-cirkostanza mhix rilevanti ghall-kaz ghaliex il-Work Book mhux prova konkluziva tal-kuntratt ta' l-impieg li kellhom l-applikanti. Li hu rilevanti hu illi definittivament, f'dan il-perjodu, ma kinux jifformaw parti mis-Servizz Civili.*

*L-applikanti ssottomettew ukoll illi f'dan il-perjodu ic-cheque tal-paga kienu qed jircevuh mit-Tezor. Il-Kummissjoni taghmel riferenza ghal dak li qalet fil-parti introduttiva f'dan ir-rigward. Hu stabbilit li l-ispejjez kollha tal-Flight Information Centre inkluzi l-pagi ta' l-applikanti, kienu fil-fatt responsabbilita' tal-Gvern Ingliz li kien intrabat li jaghmel tajjeb ghan-nefqa kollha. Il-Gvern ta' Malta f'dan ir-rigward ma assuma ebda responsabbilita' u fil-fatt fil-konfront ta' l-impjegati kien qed jaghmel il-funzjoni ta' Paymaster. Sa hawn kienet testendi r-responsabbilita' tal-Gvern Malti ghall-applikanti, u kien ghal din ir-responsabbilita' li kien qed jirreferi fl-"option" accettata mill-applikanti li ma kienx responsabbli aktar – ghal dawn l-impjegati wara li ma jibqax isir uzu tal-facilitajiet f'Malta mill-Awtoritajiet Inglizi".*

Din il-Qorti dehrilha li kellha tipproduci din il-parti mir-rapport tal-Kummissjoni ghax tqis li l-pozizzjoni tar-rikorrenti giet esposta tajjeb hafna mill-Kummissjoni, u hi taqbel pjenament mal-argumenti li ressqet il-Kummissjoni *in* sosten tal-konkluzzjoni li r-rikorrenti ma kienux, fl-epoka *in* kwistjoni, haddiema mas-servizz civili. Il-Qorti zzid billi tghid illi l-enfasi li r-rikorrenti ghamlu fuq il-*Work Books* u dokumenti mahruga mill-*Employment and Training Corporation* huwa wiehed esagerat, ghax mhux kontestat li, f'dak il-perjodu, ir-rikorrenti kienu taht il-kontroll amministrattiv tad-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili, u peress li, milli jidher, dawn kienu impjegati ma hadd, id-Direttur ta' dak id-Dipartiment tnizzel bhala *"employer"*.

Fil-fatt, ir-rikorrent Charles Fenech hu stess jghid li, f'dan il-perjodu, jigifieri qabel ma hargu l-applikazzjonijiet ghall-ingagg mal-Gvern, *"jiena kont inqis lili nnifsi impjegat ma hadd, mal-hares. Ahna konna impjegati hekk mill-1971 sal-1979"* (fol 44). L-istess rikorrenti kompla jghid li *"Fil-1971, il-kumpanija IAL itterminala l-kuntratt u gejna jamministrana u jhallsuna l-Gvern, pero'*, *m'ahniex mal-Gvern"*; dan fid-dawl tal-opzjoni maghzula mill-impjegati tal-IAL kif spjegat aktar qabel. Din il-Qorti, meta tqis li l-flus tal-pagi taghhom kienu eventwalment jigu mill-Gvern Ingliz (tant li ma kienx hemm *provision* ghalihom fl-estimi tal-Gvern ghal tul dan il-perjodu), u t-termini tal-opzjoni kif accettata mir-rikorrenti, taqbel li, bhala fatt, ir-rikorrenti bdew l-impieg taghhom mal-Gvern fl-1 ta' April tal-1979. Din il-Qorti tara sens ukoll f'dak li qal ix-xhud Joseph Vassallo, ufficcjal fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, meta xehed (*a fol 415*) illi:

*"Issa fir-rigward ta' dawn l-ex impjegati ta' l-IAL hemm imnizzel li fil-31 ta' Marzu, 1979 dawn kienu temmew l-impieg taghhom mad-Dipartment of Civil Aviation u fl-1 ta' April, 1979 kienu regghu bdew l-impieg taghhom ma' l-istess Dipartiment. Issa kieku fil-fatt kienu impjegati mad-DCA ma kienx ikun hemm ghalfejn fil-31 ta' Marzu, 1979 itemmu l-impieg mad-DCA u l-ghada stess, jigifieri fl-1 ta' April, 1979, jergghu jibdew l-impieg ma' l-istess Dipartiment".*

*Kwindi*, l-Qorti tikkonkludi li fil-perjodu bejn l-1973 u l-1979, ir-rikorrenti ma kienux impjegati mac-Civil, u *kwindi* jekk fl-1979 riedu jidhlu impjegati mal-Gvern ta' Malta kellhom, bhal kull cittadin iehor, japplikaw b'mod normali. Din il-Qorti ma ssib ebda agir umiljanti jew degredanti *da parti* tal-awtoritajiet meta, skond ir-regoli tas-servizz, hargu sejha ghall-applikazzjonijiet; anzi, ir-rikorrenti gew preferuti meta, fis-sejha, inghatat preferenza lil, min, bhar-rikorrenti, kienu gia jaghmlu *airport duties*.

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li meta huma kienu gew imgaggati mal-Gvern fl-1979, fl-istess zmien il-Gvern kien impjega fl-istess xoghol ex-haddiema tal-RAF, izda lil dawn tal-ahhar inghatawlhom kundizzjonijiet ahjar. Din id-

diskriminazzjoni, qed jigi allegat, tammonta ghal trattament degredenti.

Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni taghhom.  Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni *"timporta zewg elementi, u cioe', li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gia jew kien gie ttrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkustanza ma giex.  Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkustanzi pari"* – "Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990.

Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq diskriminazzjoni kienu gew ampiament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza fis-16 ta' Awissu, 1976, fejn dik l-Onorabbli Qorti esprimiet ruhha fit-termini segwenti:

*"Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi.  Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja:*

*"It is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing tough…"*

*"Qabel xejn, pero', ghandu jigi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni entro' l-projbizzjoni ta' l-imsemmi artikolu 46 (illum 45).  Din il-projbizzjoni, fiha nfisha ovvja u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-*

*artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem "sans distintion ancune" u fit-test Ingliz "without discrimination" u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk:*

*"In spite of the very general wording of the French version … Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised … This version must be read in the light of the more restrictive text of the English version … In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the many legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedom recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which on account of differences inherent therein, call for different legal solutions, moreover certain legal inequalities lend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted…".*

*"Dan hu konformi ma' l-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett ta' l-ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata … Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta' l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat".*

Dan l-insenjament jidher li gie segwit – b'varjazzjonijiet zghar li aktar jirriflettu l-fatti *ispecie* tal-kaz li jkun milli xi spostament ta' principju – f'diversi kawzi fosthom <u>"Il-Pulizija vs Muscat"</u>, deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju, 1989, <u>"Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et"</u>, deciza wkoll minn din

il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta’ Mejju, 1984, “Cocopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Frar, 1987, “Debono Grech vs Mizzi et noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta’ Frar, 1999, u “Agrimalt Ltd vs Awtorita’ tal-Ippjanar”, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta’ Jannar, 2004.

Ghalhekk, ikun hemm diskriminazzjoni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f’sitwazzjoni ugwali jigu trattati b’mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti. F’dan il-kaz, sitwazzjoni ta’ ugwaljanza bejn ir-rikorrent u l-haddiema ex-RAF ma tirrizultax.

Ir-rikorrenti donnhom kienu konxji bid-diffikulta’ li dak li jkun jipprova diskriminazzjoni fis-sens li nghad, ghax ma ressqux talba bazata fuq allegata diskriminazzjoni, izda qed jsostnu li d-diskriminazzjoni (mhux fis-sens rikjest mill-gurisprudenza) li sofrew ir-rikorrenti kienet twassal ghat-trattament degredanti. Din il-Qorti ma tistax teskludi *a priori* li forma ta’ diskriminazzjoni tista’ twassal ghall-agir degredenti, *pero’*, kollox irid jigi ezaminat skond il-*fattispecie* tal-kaz partikolari, u *sta* ghal Qorti li tiddeciedi jekk ic-cirkostanzi kollha tal-kaz iwasslux ghall-estremi ta’ trattament inuman jew degredanti.

Definizzjoni tat-terminalogija uzata fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni (ekwivalenti ghall-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem) kien inghata mill-Kummissjoni Ewropea fl-hekk imsejha Greek Case. Fir-rapport taghhom ippubblikat fil-5 ta’ Novembru, 1969, jinghad *a propozitu*:

*“The notion of inhuman covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable. The word “torture” is often used to describe inhuman treatment, which has a purpose, such as the obtaining of information or confession, or the infliction of punishment, and is generally an aggravated form of inhuman treatment. Treatment or punishment of an individual may be said to*

*be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience".*

Din id-definizzjoni giet konfermata mill-istess Kummissjoni fir-rapport taghha ppubblikat fil-25 ta' Jannar, 1976, fil-kaz "Ireland vs United Kingdom". F'dan ir-rapport intqal ukoll illi:

*"Ill treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in same cases, the sex, age and state of health of the victim".*

F'dan il-kuntest, l-awturi van Dijk u van Hoof, fil-ktieb *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"* (3rd Edit pag. 313) jaghmlu analizi ta' kawza ohra, l-East African Asians Case (irrapportata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Dicembru, 1973) li ghandha certa xebh mal-kaz meritu ta' din il-kawza. Jinghad hekk mill-awturi fil-kuntest ta' dan il-kaz:

*"It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on the latter's subjective appreciations and feelings. In the East African Asians Case the Commission did not accept the "subjective" definition that the treatment of a person is degrading in the sense of Article 3 "if it lowers him in rank, position, reputation or character, whether in his own eyes or in the eyes of other people", and argued that – given the general purpose of this provision to prevent interferences with the dignity of man of a particularly serious nature – "an action which lowers a person in rank, position, reputation or character can only be regarded as "degrading treatment" in the sense of Article 3 where it reaches a certain level of severity".*

Dan l-element ta' gravita' jinsab ribadit ukoll mill-awturi Jacobs & White, fil-ktieb *"European Convention on Human Rights"* (3rd Edit. pag. 65) meta jghidu:

*"The defining feature of degrading treatment is the element of humiliation or debasement; the threshold of severity would appear to require that the humiliation is gross"*

Il-htiega li din l-umiljazzjoni tkun wahda gravi giet ennuncjata wkoll mill-Qrati taghna, partikolarment fil-kawza "Galea vs Segretarju tad-Djar", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 1977; f'din il-kawza ntqal ukoll li trattament degredanti jehtieg ukoll li jwassal ghal vjolazzjoni serja ghad-dinjita' tal-bniedem. Dawn il-principji ta' intensita' jew severita' gew ribaditi mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija", minnha deciza fl-20 ta' Frar, 1979, u fil-kawza "Wilch vs Seg. Parlamentari ghad-Djar et", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1989. Fil-fatt, jekk wiehed janalizza l-gurisprudenza lokali fejn sabet kaz ta' trattament degredanti, jinduna li l-kazijiet iridu jkunu ta' certu serjeta' u gravita'. Hekk, per ezempju, instabu kazi ta' trattament degredanti fejn sid ta' dar jitkecca mill-istess dar li jkun qed jokkupa, bis-sahha ta' ordni ta' rekwizzjoni, sabiex jigi akkomodat xi hadd iehor ("Antonio Pace vs Seg. Djar et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Ottubru, 1988, u "Lucrezia Borg vs Seg. Djar et", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Settembru, 1986), jew fejn persuna tigi nterrogata fid-Depot tal-Pulizija minghajr ma tkun infurmata bl-akkuza kontriha jew b'metodi li gew deskritti bhala inumani jew degradanti ("Tonio Vella vs Bonello", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru, 1986, u "Jimmy Vella et vs Bonello", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-3 ta' April, 1997) jew meta mpjegat gie kostrett jiffirma dikjarazzjoni li meta ma marx ghax-xoghol f'gurnata wahda f'Gunju tal-1982, kien qed jipperikola l-istabbilita' u d-demokrazija f'pajjizna ("Joseph Vassallo Gatt vs Cassar noe", deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Marzu, 1987).

Dak li sehh f'dan il-kaz, lanqas remotament ma jista' jwassal ghal grad ta' severita' li jridu kemm il-Qrati Maltin, kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rikorrenti, kif intwera, kienu ghazlu li, wara l-1973, jibqghu jaghmlu l-istess xoghol u jgawdi mill-istess kundizzjonijiet li kienu jgawdu meta kienu impjegati mal-IAL, *pero'*, din l-opzjoni, kienet tikontempla c-cirkustanza li, mat-tmiem tal-prezenza militari Ingliza f'Malta, *"the Government of Malta would have no responsibility for the employees"*. B'hekk, gheluq il-bazi Ingliza f'Malta fil-31 ta' Marzu, 1979, dawn il-haddiema, teknikament, spiccaw bla xoghol u kellhom jaraw huma fejn u kif issibu xoghol alternattiv. Il-Gvern ta' Malta, li xorta wahda kellu bzonn nies biex imexxu l-*flight services* fl-ajruport, hareg sejha ghall-applikazzjonijiet ta' min ried jahdem dak ix-xoghol fl-ajruport. Ir-rikorrenti applikaw ghall-impieg mal-Gvern ghall-ewwel darba taht il-kundizzjonijiet u s-*salary scales* elenkati fil-*call for applications*. Kif irrimarkat il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, fit-teorija kellhom kull dritt illi jirrifjutaw li japplikaw jekk il-kundizzjonijiet u l-pagi kienu inferjuri ghall-aspettattiva taghhom u ghal dak li qabel kienu jgawdu bhala ex-IAL *employees*. *Una volta, pero'*, applikaw, huma kienu marbutin mal-kundizzjonijiet li l-Gvern fid-diskrizzjoni tieghu ddecieda li ghandhom imorru mal-postijiet godda. X'ghamel il-Gvern ma impjegati ohra li gew minn settur differenti, m'ghandux jinteresshom, ghax huma hadu dak li kien imwieghed lilhom u dak li applikaw ghalih.

Ghalkemm gie allegati li l-haddiema ex-RAF gew impjegati fl-istess zmien u ghal-istess xoghol, dan ma giex pruvat; intwera li s-salarji ta' dawn tal-ahhar kien ahjar min dak li bdew bih ir-rikorrenti, *pero'*, x'kienet ezatta l-pozizzjoni ta' dawn il-haddiema ex-RAF ma giex muri. Wiehed irid jiftakar li l-haddiema ex-RAF ma kienux, kif kienu r-rikorrenti, impjegati ma kumpanija privata, izda impjegati mal-Gvern Ingliz, u ma jistax jkun eskluz li dawn kellhom kundizzjonijiet ta' xoghol differenti, u l-impieg taghhom kien, b'xi mod, regolat fil-ftehim li kien gie iffirmat bejn il-Gvern Malti u dak Ingliz li kien jirregola l-prezenza militari Ingliza gewwa pajjizna. Il-haddiema tal-ex-RAF baqghu mpjegati tal-Gvern Ingliz sal-31 ta' Marzu, 1979,

fil-waqt li r-rikorrenti ghamlu sitt snin impjegati ta' hadd, u dan in forza ta' struttura li accettaw u qablu fuqha huma stess. Il-pozizzjoni ma kienetx li fil-konfront tar-rikorrenti ittiehdet azjoni *"which lowers a person in rank or position"*, ghax huma bdew mill-gdid mal-Gvern f'pozizzjoni li applikaw ghaliha; jekk minhabba cirkustanzi partikolari, il-haddiema ex-RAF inghataw xi haga ahjar, dan ma jfissirx li r-rikorrenti gew trattati qieshom haddiema tat-tieni klassi.

Fil-kawza "Hurtado vs Switzerland", il-Kummissjoni tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fir-rapport taghha ppubblikat fit-8 ta' Lulju, 1993, osservat hekk, f'paragrafu 67:

*"The Commission reiterates that treatment is considered "degrading" when it is such as to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance"*.

Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kaz "Abdulaziz et vs United Kingdom", deciza fit-28 ta' Mejju, 1985, kienet qalet li ma kien hemm xejn degredanti mill-fatt li l-applikanti, li kienu legalment u regolarment residenti fl-Ingilterra, ma setghux jinsistu li jkunu akkumpanjati f'dak il-pajjiz min zwieghom: *"… the difference of treatment complained of"*, qalet il-Qorti Ewropea, *"did not denote any contempt or lack of respect for the personality of the applicants and that it was not designed to, and did not, humilate or debase".*

Anke f'dan il-kaz, in-nuqqas ta' relattivita' allegata ma kienetx, u ma servietx, biex tumilja r-rikorrenti, u lanqas ma ntwera xi nuqqas ta' rispett lejn l-abilitajiet taghhom. Il-Qorti tinnota li bhala l-*istarting point* fil-paga li nghataw wara li gew impjegati mal-Gvern, dan, *in* generali, ma nghatax fuq il-*minimum* ta' l-iskali ndikati fis-sejha ghall-applikazzjonijiet. Ir-rikorrenti nghataw il-beneficcju ta' salarju ekwivalenti ghall-paga li kellhom qabel ma gew assunti, avvolja ma kienux qabel impjegati mal-Gvern. It-test ta' x'inhu trattament degradanti, kif intwera, huma wiehed oggettiv, u jipprexxindi minn dak li seta' hass l-

individwu fic-cirkustanzi, u din il-Qorti hija tal-fehma li, il-mod li mexa maghhom il-Gvern, fid-dawl tal-opzjoni minnhom volontareament maghzula, ma jwassalx ghall-estremi ta’ trattament degredanti, kif dan il-principju gie kostentement applikat mill-gurisprudenza lokali u dik Ewropea.

Fid-dawl tal-premess u ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------